TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 17/13/GB

**Roberto Schembri**

**vs**

**SMS Mondial Ltd.**

Illum 15 ta' Mejju 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fis-16 ta' Jannar, 2013 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' mitejn Ewro (€200.00), in vista tal-fatt illi l-cruise li huwa bbukja minghand is-socjeta' ntimata, ma kienx tal-livell li huwa kien hallas ghalih.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Bejn il-31 ta' Awissu 2012 u s-7 ta' Settembru 2012 huwa mar ghal cruise ta' sebat ijiem flimkien ma' martu u z-zewgt ulied tieghu fuq il-vapur 'Mein Schiff 1'. Kienu d-dizappuntati hafna li graw certu affarijiet abbord dan il-cruise, liema affarijiet ghamlulhom hajjithom difficli.

Wiehed minn dawn l-incidenti gara meta spiccaw prattikament abbandunati waqt li kienu fuq 'guided tour' gewwa Ruma, u dana billi matul dan it-tour it-tifla tar-rikorrent li

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888

ghandha biss sena, bdiet tibki. Il-ġenituri taghha ma setghux iwaqqfuha, pero' wara xi ghoxrin minuta mexxielhom jikkalmawha u waslu hdejn il-Vatikan. Tiziana, it-tour guide, informtahom illi kellhom jergghu jiltaqghu l-istess post wara siegha u nofs. Ir-rikorrent flimkien ma' familtu kienu hemm fil-hin, fejn it-tour guide marret fuqhom u qaltilhom li kellhom jikkalmaw it-tifla taghhom ghaliex kien hemm ilmenti mill-passiggieri l-ohrajn, stante illi ma setghux jisimghuha titkellem. Ir-rikorrent assiguraha illi huma kienu ser jaghmlu dak kollu li setghu sabiex izommu t-tifla taghhom kalma. Wara ftit, l-istess tour guide regghat marret fuq ir-rikorrent u familtu fejn staqsiethom: "So what are you going to do? Are you coming? But if you join the tour, you have to make sure that you calm your child." F'dan l-istadju, ir-rikorrent hass illi ma kellhomx ghazla ohra hlief li jmorru ghal rashom bil-mixi u jiltaqghu mat-tour bus fl-ahhar destinazzjoni taghha. Lanqas biss inghataw direzzjonijiet ghal kif jaslu ghal tali destinazzjoni.

Ghat-tieni excursion, ir-rikorrent u familtu hassew illi ma kellhomx ghazla hlief li ma jmorrux, hekk sabiex jevitaw storja ohra bhal dik ta' qabel, u ghalhekk huma nefqu ghoxrin Ewro (€20.00) ir-ras sabiex hadu 'shuttle bus' u 'direct bus' sabiex imorru l-istess post fejn kieku kien ser johodhom it-tour.

Incident iehor kien fuq il-vapur, meta fis-sitt gurnata tal-cruise, huma ddecidew ihallu t-tifla taghhom ta' hames snin il-'kids' club' ghal ftit tal-hin wara nofsinhar, pero' ir-rikorrent kien gie nformat illi l-club kien ser ikun maghluq sas-7:00 ta' filghaxija, nonostante l-fatt illi l-itinerarju pprovdut lir-rikorrent kien jghid illi l-'kids' club' kellu jkun miftuh mill-10:00 sad-9:00 dik il-gurnata.

Apparti minn hekk, kuntrarju ghal dak li nghad lir-rikorrent mis-socjeta' ntimata illi l-vapur kien wiehed 'child friendly', dan ma kien xejn minnu.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Dan huwa kaz li s-socjeta' ntimata ma ghandhiex kontroll fuq dak li gara.

Is-socjeta' ntimata tissimpatizza mar-rikorrent, pero' mill-banda l-ohra, jidher li r-rikorrent mhux qed jiehu in konsiderazzjoni li l-kumplament tal-grupp ukoll kellu d-dritt li jgawdi l-vakanza tieghu.

It-tour leader, Tiziana, kellha bicca xoghol difficli biex tipprova ssib kompromess ghaliex riedet *tikkuntenta wkoll lill-membri l-ohra. Tarbija tibki ghal perjodu twil ma tantx hi* haga pjacevoli fic-cirkostanzi.

Is-socjeta' ntimata ezebiet kopja tal-korrispondenza kollha li ghaddiet bejn il-partijiet, flimkien ma' kopja tal-brochure bid-dettalji tal-cruise in kwistjoni.

It-Tribunal jinnota illi:-

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

Ir-rikorrent ezebixxa kopja ta' dokumenti rapprezentanti l-prezz li hallas ghall-imsemmi cruise, li gew immarkati bhala Dok.RS1 sa Dok.RS3..

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jibda billi jikkummenta fuq ir-responsabbilita' ta' agent lokali fl-esekuzzjoni tal-kuntratt, fejn jekk meta jsehh xi incident jew nuqqas, socjeta' estera tkun rapprezentata hawn Malta minn agent lokali, u dik is-socjeta' estera tkun responsabbli ghal dak l-incident jew nuqqas, allura l-agent lokali jibqa' responsabbli ghall-konsegwenzi. Illi ghalhekk u abbazi tal-provi prodotti, liema provi fl-ebda stadju ma gew ikkontestati, it-Tribunal qed jilqa' t-talba tar-rikorrent, u jordna lis-socjeta' ntimata thallas l-ammont ta' mitejn Ewro (€200.00) lir-rikorrent, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**